**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, sitta u għoxrin (26) ta' Marzu 2024

Kawża Nru 559/2022

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Duane Cordina**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Duane Cordina**, iben Lewis Cordina u Gertrude nee Saliba, imwieled nhar is-dsatax (19) ta' Marzu 2003 u residenti Achillea, Triq il-Ponta, Żebbug detentur tal-karta tal-identita bin-numru 7603(H) fejn huwa ġie akkużat talli nhar l-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022 għall-ħabta tal-10.45hrs waqt li kien qed isuq vettura tal-għamla Kia Avella bin-numru tar-Reġistrazzjoni LAF 149 fi Triq l-

Imgħallem, bejn l-impjant tat-tarmak u ċ-ċimiterju taż-Żebbuġ, limiti taż-Żebbuġ, Għawdex:

1. saq l-imsemmija vettura numru LAF 149 b'nuqqas ta' kont, b'manjiera traskurata u b'mod perikoluż;

2. naqas li joqgħod attent il-ħin kollu u jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera;

3. qabeż vettura fejn hemm indikat fit-triq linja bajda kontinwa;

4. bħala sewwieq ta' vettura numru LAF 149, wara li kien involut f'kaz ta' inċident ma' vettura oħra fit-triq, naqas li jieqaf u jagħti d-dettalji tiegħu jekk ikun mitlub.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija tissospendi lill-ħati milli jottjeni liċenzja tas-sewqan għal tul taż-żmien li il-Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u lid-difiża jiddikjaraw fis-seduta tal-għoxrin (20) ta' Frar 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid d-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar l-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022 PC 76 Joseph Cini kien tiela' ż-Żebbuġ, Għawdex. Huwa ma kienx xogħol dakinhar. X'ħin ix-xhud kien preċiżament fil-punt tat-triq bejn l-impjant tat-Tarmac u ċ-ċimiterju taż-Żebbuġ, vettura tal-għamla Kia Avella li kienet misjuqa mill-akkużat u li kellha n-numru tar-reġistrazzjoni LAF 149 qabżitu fil-kantuniera minkejja li kien hemm sinjal abjad kontinwu fl-art. Huwa kompla jgħid li din il-vettura laqtitu n-naħa ta' quddiem tal-lemin. Huwa ipprova jsegwi lill-akkużat iżda dan imbagħad kiser għall-Għasri. X'ħin iċċekkja xi ħsara kellu fuq il-vettura tiegħu, huwa sab li possibilment seta' kien hemm impatt mat-tyre peress li l-vettura tiegħu li kienet tat-tip Land Rover hija għolja mill-art.

Min-naħa tiegħu l-akkużat Duane Cordina ikkonferma li dakinhar tal-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022 filgħodu huwa kien qed isuq wara Cini fit-triq indikata.  Cordina qal li huwa għamel manuvra ta' sorpass tal-vettura ta' Cini u fil-proċess ta' din il-manuvra qabeż il-linja medjana tat-triq.  L-akkużat pero ċaħad li f'xi ħin huwa mess mal-vettura tal-istess Cini.

Ikkunsidrat;

- **<u>L-Ewwel Akkuża</u>**

Fl-ewwel akkuża, il-Prosekuzzjoni qed tallega li l-akkużat fil-ġurnata u l-ħin indikati saq il-vettura tiegħu tal-marka Kia Avella bin-numru tar-reġistrazzjoni LAF 149 b'manjiera traskurata, perikoluża u bla kont.  It-tlett (3) tipi ta' sewqan kontemplati fl-artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65 għalkemm kollha jattiraw sanzjonijiet penali ma jistgħux jitpoġġew fl-istess keffa u waħda tista' tgħid li hija aktar gravi mill-oħra.  Ta' importanza hija s-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**[1] fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali spjegat b'mod ċar id-distinzjoni bejn dawn it-tlett (3) tipi ta' sewqan.  Il-Qorti qalet li:

> *"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli,*

[1] Deċiża fis-6 ta' Mejju 1997 u Riportata f'Volum LXXXI.iv.57.

*prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** hu deskritt fis-subartikolu (2) tal-imsemmi artikolu 15 bħala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira u tinkludi l-każijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji.*

***Sewqan perikoluż** (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin u l-lokalita' tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel. Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-*

*disposizzjonijiet tal-liġi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-leġislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dak ta' sewqan perikoluż (ara* ***The Police vs Charlotte Chamberlain****, Appell Kriminali, 21/5/96)."*

Il-klassifikazzjoni ta' sewqan bħala negliġenti/traskurat, bla kont jew perikoluż hija kwistjoni purament ta' *"degree"*. Infatti fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Gellel** intqal:

*"... kif ġie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwestjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol vs Wilson*** *(Vol. XXXIX.iv.1018) u* ***Pul. Vs Alfred Vella*** *(Vol. XLIV, p 933)) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' tagħhom (App. Krim.* ***Pul vs Hardingham****, 19.10.1963).*

*Ġie wkoll ritenut li biex jintegra ruħu r-reat ta' sewqan perikoluż, hemm bżonn ta' ċertu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul vs Charles Farrugia*** *(Vol. XXXIX.iv.978)). 'Recklessness' ġiet definita bħala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963).*

*Invece sewqan negliġenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul vs Antonio Spiteri*** *(Vol. XLIV.iv.892)).*"[2]

F'dan il-każ l-akkużat għażel li jagħti d-deposizzjoni tiegħu. Huwa ikkonferma li dakinhar tal-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022 filgħodu huwa kien qed isuq il-vettura tal-marka KIA Avella bin-numru tar-reġistrazzjoni LAF 149 u li kien qed isuq wara l-vettura ta' PC 76 Joseph Cini. F'ħin minnhom l-akkużat jgħid li huwa għamel manuvra ta' sorpass tal-vettura ta' Cini. Din il-manuvra ta' sorpass saret f'punt fejn kien hemm linja bajda kontinwa, hekk kif ammess mill-istess akkużat waqt id-deposizzjoni tiegħu. Għalkemm l-akkużat ma jagħtix dettalji dwar fl-liema parti tat-triq huwa għamel il-manuvra ta' sorpass, PC 76 Cini jindika eżattament fejn seħħ dan: *"Dan li ġara hemm l-impjant tat-tarmac, tar-Road Construction, f'dik il-parti tat-telgħa fejn hemm is-single white line, qabel l-ewwel kantuniera kif titla' t-telgħa."* [3] Mill-provi għalhekk huwa ċar li:

(a) L-akkużat qabeż linja bajda kontinwa biex għamel manuvra ta' sorpass ta' vettura oħra preċiżament il-vettura ta' PC 76 Joseph Cini;

---

[2] Deċiża fid-19 ta' Frar 2004.
[3] Xhieda mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Jannar 2023, fol. 10 tal-proċess.

(b) tali manuvra ta' sorpass saret qrib liwja li hemm f'din it-triq.

Dan ifisser għalhekk li l-akkużat tal-anqas mar kontra żewġ regoli tal-Kodiċi għat-Traffiku fit-Triq: preċiżament l-artikoli 163 u 184 tal-istess Kodiċi. L-artikolu 163 jistipula li:

> *"Il-vetturi għandhom iżommu fuq ix-xellug ta' linja jew linji doppji kontinwi u m'għandhomx jinsaqu fuq, 'l hemm minn, jew b'rota 'l hawn u 'l hemm, minn dik il-linja, ħlief fiċ-ċirkustanzi li ġejjin u meta ma jkunx hemm periklu biex jagħmlu hekk:*
>
> • *sabiex tilħaq bini biswit, kemm-il darba ma jkunx hemm sinjali li jipprojbixxu li ddur lejn il-lemin;*
>
> • *sabiex tid[ol fi triq biswit, kemm-il darba ma jkunx hemm sinjal li jipprojbixxi li ddur lejn il-lemin."*

L-artikolu 184 tal-istess Kodiċi jagħmilha ċara li sewwieq m'għandux jaqla' vetturi oħra f'kantuniera jew liwja iebsa.

Kif ingħad fis-sentenza fuq riportata **<u>Il-Pulizija vs Alfred Mifsud</u>**, in-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u tal-Highway Code li **<u>jinċidu direttament fuq is-sewqan</u>** tal-individwu jikkwalifikaw jew jammontaw bħala sewqan traskurat. Iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ

partikolari kienu li l-akkużat iddeċieda li jagħmel manuvra ta' sorpass ta' vettura oħra meta ma kienx possibbli li tali manuvra issir. Fl-ewwel lok it-triq hija single lane u biex jagħmel il-manuvra ta' sorpass, l-akkużat ried bil-fors jaqbeż il-linja bajda kontinwa, ħaġa li huwa ma setax jagħmel iżda li effettivament iddeċieda li jagħmel. Di piu tali manuvra saret wkoll fil-prossimita ta' liwja li ma tippermettix viżwali fit-tul biex wieħed jkun jista' jagħmel manuvra ta' sorpass mingħajr ma joħloq l-ebda problemi għalih jew għal terzi persuni. Huwa għalhekk wkoll li l-linja f'din il-parti tat-triq hija linja bajda kontinwa. Fil-fehma tal-Qorti dan it-tip ta' sewqan jindika ċertu *nonchalance* da parti tal-istess akkużat fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti tat-traffiku li żgur li bħala sewwieq huwa konxju tagħhom. Din il-Qorti pero mhix persważa li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ is-sewqan tal-akkużat jista' jiġi klassifikat bħala wieħed li kien bla kont jew saħansitra perikoluż. Li kien hemm żgur huwa nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn sewwieq li kien tenut li fis-sewqan tiegħu josserva tali regoli anke in vista tal-konfigurazzjoni tat-triq. Għalkemm l-akkużat jipprova jiġġustifika l-aġir tiegħu bil-fatt li l-vettura ta' PC 76 kienet qed idaħħan, mir-rapport li sar minn PC 76 Joseph Cini lill-Pulizija jidher li l-akkużat kompla jaqla' aktar vetturi wara li kien qala' l-vettura ta' Cini. Anke li kieku kellu jingħata piż probatorju lil dak li xehed l-akkużat li l-vettura ta' Cini kienet qed idaħħan, dan ma kienx jintitola lill-akkużat li jagħmel manuvra ta' sorpass f'post fejn assolutament ma kienx konsiljabbli li issir tali manuvra. L-akkużat seta' faċilment naqqas il-velocita biex jistenna l-vettura ta' Cini titbiegħed minnu u se mai jekk kellu jagħmel

manuvra ta' sorpass, din kellha issir f'dik il-parti tat-triq fejn kien possibbli li wieħed jagħmel tali manuvra. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk l-ewwel akkuża ġiet sodisfacentement ippruvata u dan limitatament fis-sens li l-akkużat kien qed isuq il-vettura LAF 149 b'mod traskurat.

- **<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Akkużi</u>**

Rigward it-tieni (2) akkuża fejn qed jingħad li l-akkużat naqas li joqgħod attent il-ħin kollu u jieħu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa f'kull kantuniera, il-Qorti tqis li din wkoll ġiet pruvata. Kif ġia indikat aktar qabel, l-akkużat għażel li jagħmel manuvra ta' sorpass meta kien qed joqrob liwja fit-triq. Għalkemm id-difiża tallega fis-sottomissjoni tagħha li fit-triq fejn seħħ il-każ m'hemmx kantunieri, minn qari tad-disposizzjoni applikabbli[4] huwa ċar li l-leġislatur irid li sewwieq jkun prudenti fis-sewqan tiegħu meta jkun qed joqrob parti tat-triq li minħabba l-konfigurazzjoni tagħha ma tippermettix viżwali fit-tul. L-akkużat żgur li ma jistax jitqies li kien prudenti fis-sewqan tiegħu għax għazel propju li jagħmel manuvra ta' sorpass meta kien jaf li qed joqrob liwja. Ma jistax jingħad li fiċ-ċirkostanzi ħa xi prekawzjonijiet u wera xi attenzjoni partikolari; anzi għażel li jieħu riskju li ma kellux għalfejn jieħu.

Għar-rigward it-tielet (3) akkuża din wkoll tirriżulta ippruvata u dan fuq ammissjoni tal-istess akkużat waqt ix-xhieda li huwa ta quddiem din il-

[4] Regolament 76 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11

Qorti. Fuq mistoqsija tal-Uffiċjal Prosekutur, l-akkużat ammetta li qabeż din il-linja bajda kontinwa meta ma kellux għalfejn jaqbiżha.[5]

- **Ir-Raba' (4) Akkuża**

Fir-rigward ta' din l-akkuża, jingħad li sabiex ikun hemm sejbien ta' ħtija jeħtieġ li jiġu sodisfatti żewġ elementi li huma kumulattivi u mhux alternattivi: (a) jeħtieġ li jkun hemm impatt ma' vettura oħra; u (b) li s-sewwieq involut fl-impatt jibqa' sejjer. Mill-provi prodotti din il-Qorti mhix konvinta li seħħ impatt bejn iż-żewġ vetturi: fir-rapport li sar l-għada tal-akkadut ingħad li "***possibilment*** *l-impatt sar mat-tyre*"[6] (enfażi tal-Qorti) u għalhekk donnu ma kienx hemm ċertezza jekk effettivament kienx hemm impatt bejn iż-żewġ vetturi jew le. Għalkemm fl-affidavit ta' PS 1040 John Grima issir riferenza għal xi marki fuq il-ġenb tat-tyre ta' quddiem tal-lemin tal-vettura ta' PC 76 Joseph Cini, ma ġew preżentati l-ebda ritratti ta' dawn il-marki. Min-naħa l-oħra l-akkużat jiċħad li huwa mess il-vettura ta' Cini. Din il-Qorti tqis wkoll li kieku verament kien hemm impatt bejn il-vettura ta' Cini u dik tal-akkużat – tenut kont li l-vettura tal-akkużat x'ħin kienet għaddejja minn qrib dik ta' Cini kienet għaddej mill-anqas bis-sittin kilometru fis-siegħa kif sewwasew indika l-istess akkużat fid-deposizzjoni tiegħu – il-ħsara fuq il-vettura ta' Cini żgur li kienet sejra tkun akbar minn dik ta' sempliċi marka fuq tyre. Il-Qorti għalhekk tqis li għar-rigward din l-

---

[5] Ara kontro-eżami tal-akkużat li sar fis-seduta tal-20 ta' Frar 2024.
[6] Ara affidavit ta' PS 1040 John Grima, fol. 4 tal-proċess.

akkuża, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.  Għalhekk hija sejra tgħaddi biex tillibera lill-akkużat minn din l-akkuża.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti:

(a) **mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati** tar-raba' akkuża u għalhekk qed tilliberah minnha;

(b) wara li rat l-artikoli 15(1)(a), 15(3) u 55 tal-Kap. 65, ir-regolament 76 tal-Leġislazzjoni Sussidjara 65.11, ir-regolament 2 u t-Taqsima IV A (i) tal-iSkeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.05, il-Qorti qed issib lill-akkużat **ħati tal-ewwel (1) akkuża** fis-sens biss illi huwa kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni LAF 149 b'manjiera traskurata, **ħati tat-tieni (2) akkuża** u **ħati wkoll tat-tielet (3) akkuża** u qed tikkundannah multa komplessiva ta' mitejn ewro (€ 200).

In oltre l-Qorti qed tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' ħmistax (15) -il ġurnata mil-lum.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur